MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 992/1995/3

Rikors Nru. 992 / 95NC

Kawza fil-lista: 37

**John Mallia ghan-nom u fl-interess ta' l-assenti Nazzareno Spiteri**
**Vs**
**Il-Kontrollur tad-Dwana, u ghall-kull interess li jista' jkollu il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' John Mallia nomine li permezz tieghu ppremetta li meta ibnu Nazzareno Spiteri wasal lura mil Londra fit-2 ta' Lulju 1995 il-Kontrollur tad-Dwana qabad mill-pussess tieghu l-oggetti ndikati fis-seizure note numru 71/1995 tal-valur totali ta' Lm3,417 fuq l-allegazzjoni li dawn l-oggetti, konsistenti f'diversi oggetti tal-fidda u antikitajiet, ma thallasx jew ma giex kawtelat il-hlas tad-

dazju, kif ukoll fuq l-allegazzjoni li l-imsemmi Nazzareno Spiteri kien baqa' ghaddej mill-Green Channel minghajr ma ddikjara dawn l-oggetti lill-ufficjali tad-dwana, fuq liema oggetti kellha ukoll tithallas it-taxxa fuq il-valur mizjud; u dan fit-termini tal-ligi u tal-artikoli tal-ligi indikati fl-istess rikors; illi r-rikorrent, filwaqt li jsostni li dawn l-oggetti kienu jifformaw parti mill-affarijiet personali ta' Nazzareno Spiteri li kien ilu jghix barra minn Malta ghal aktar minn 20 sena u kien sejjer jirritorna lura Malta, indika diversi ragunijiet ghaliex it-talba tieghu ghandha tigi milqugha; u ghaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti tordna r-rilaxxa ta' l-istess oggetti u r-restituzzjoni taghhom lill-imsemmi Nazzareno Spiteri;

Rat ir-risposta tal-intimati li oggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrent, ghar-ragunijiet indikati minnhom fl-istess risposta;[1]

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat Kontrollur tad-Dwana li biha eccepixxa li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Spiteri [App.98/96] li biha huwa gie svestit minn kull pussess li kellu fuq l-oggetti in kwistjoni, u li ghalhekk talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;[2]

Rat ir-risposta relattiva tar-rikorrent;

Rat is-sentenza[3] moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2000 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontraditur fil-konfront tal-intimat Kontrollur tad-Dwana, liema decizjoni giet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fis-19 ta' Novembru 2003;[4] u l-process rega' gie rinvijat lil din il-Qorti ghal kontinwazzjoni;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-istess intimat li biha eccepixxa "Illi r-rikorrent m'ghadx ghandu interess f'din il-kawza

[1] Fol.14
[2] Fol.76
[3] Fol.121 *et seq.*
[4] Fol.148 *et seq.*

stante li l-oggetti li hu qed jitlob ir-rilaxx taghhom kienu konfiskati b'mod defenittiv permezz tas-sentenza [fuq indikata]. Ghalhekk hu qatt ma jista'jiehu l-istess oggetti lura"[5]

Rat ir-risposta relattiva tar-rikorrent fis-sens li dana ghad ghandu interess fil-proceduri odjerni u senjatament billi jekk jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li l-qbid ta' l-oggetti ma sarx skond il-ligi, l-istess intimat, qua rapprezentanti tal-Gvern, ikun obbligat li jirritorna l-effetti maqbuda.[6]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament, u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimat dwar l-interess guridiku;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta pacifiku li fit-2 ta' Lulju 1995 meta Nazzareno Spiteri kien wasal Malta u kien fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Kontrollur tad-Dwana qabad u eleva diversi oggetti tal-fidda li kienu fil-pussess tieghu u li huma ndikati fis-seizure note numru 71/1995[7].

Irrizulta wkoll inkontestat permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju 1988 fil-kawza Il-Pulizija vs Nazzareno Spiteri li giet konfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-11 ta' Marzu 1996 li permezz taghha Nazzareno Spiteri, allura imputat, kien gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu, kien gie kkundannat ghal piena karcerarja ghal zmien sitt xhur sospizi ghal sena, u giet ordnata l-konfiska ta' l-oggetti kollha maqbuda u deskritti fin-nota ta' qbid numru 71/95.[8]

---

[5] Fol.163
[6] Fol.159
[7] Dok.B – fol.6
[8] Vide sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 – fol. 128

Illi l-bazi tal-vertenza in disamina hija proprju din l-ordni tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti in kwistjoni, li giet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali. It-tezi tal-intimat hija fis-sens li gia la darba dawn l-oggetti gew konfiskati b'sentenza defenittiva, allura spicca l-interess guridiku tar-rikorrent li jkompli bil-proceduri odjerni, stante li l-intimat ma ghadx ghandu l-pussess tal-oggetti. Ir-rikorrent minn naha tieghu jsostni li huwa ghad ghandu interess guridiku ghax f' kaz ta' dikjarazzjoni li l-qbid ma sarx skond il-ligi, allura l-Gvern ikollu jirritorna l-oggetti.

In tema legali huma opportun s-segwenti osservazzjonijiet ta' dritt.
[1] Illi skond il-gurisprudenza huwa ormai pacifiku li sabiex azzjoni gudizzjarja tigi promossa validament jehtieg l-ezistenza ta' interess guridiku li ghandu jkun attwali, jigifieri jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni u li jkun konkret, personali u sussistenti di fronte ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura ta' l-eccezzjoni.[Vol.XLI.II.1051] *[App.Civ. Philip Ransleyvs Emanuel Coleiro [1997] Vol.LXXXI.II.250].*

L-interess guridiku ghandu jkun <u>personali</u> fis-sens li jirrigwada l-attur, hlief l-azzjoni popolari; u ghandu jkun <u>attwali</u> fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, cioe' f' kondizzjoni posittiva jew negattiva kuntrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. La utilita' finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza o violazzjoni [Mortara]. B' mod li jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat jew sentenza ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. Inoltre l-interess guridiku mehtieg irid ikun <u>konkret</u> u jezisti fil-konfront tal-konvenut; u <u>jipperdura tul il-hajja ta' l-azzjoni</u>, b' mod li jekk jigi nieqes fil-mori tal-kawza, allura l-

azzjoni ma tistax titkompla *[App.C.Joseph Laferla vs Carmelo Attard]*[9]

[2] Illi l-pregudizzjali meritu tal-kawza odjerna giet deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kaz App.S. Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwara[10] fejn gie ritenut li la darba l-oggetti, meritu ta' proceduri simili ghal dawn, gew konfiskati bis-sahha ta' sentenza li ghaddiet in gudikat, ir-rikorrent ma fadallux interess illi jikkontesta s-seizure note. Inoltre kompliet tosserva li una volta li l-proprjeta' tal-oggetti konfiskati ghaddiet f' idejn il-Gvern, u certament ma baqghetx f' idejn il-Kontrollur, zgur allura li dan ma setgax jigi kkundannat jirrilaxxja l-oggetti favur ir-rikorrent, u allura l-finalita' tar-rikors promotur jinsab ezawrit. *Obiter*, dik il-Qorti osservat li kull Qorti ghandha l-obbligu tirrispetta decizjoni ta' Qorti kompetenti ohra li tapplika l-ligi b' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat meta dak il-mertu jkun kjarament jaqa' fil-kompetenza taghha; u ghalhekk, f' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti Civili ma setghetx taghti ordni li kienet inkompatibbli mal-konfiska ordnata validament u skond il-ligi minn Qorti ohra kompetenti b' sentenza li ghaddiet in gudikat.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti konformament mal-principji fuq esposti, hija tal-fehma li l-eccezzjoni sollevata mill-intimat dwar il-karenza ta' interess guridiku li ntilef fil-mori tal-kawza, hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt. Fil-fatt, ghax l-oggetti in disamina gew konfiskati b' sentenza defenittiva li ghaddiet in gudikat, u fid-dritt ghax la darba l-ordni tal-konfiska saret validament u legalment minn sentenza li ghaddiet in gudikat, allura, it-talba tar-rikorrent ghar-restituzzjoni tal-oggett, ma tista' qatt tigi validament milqugha ghar-ragunijiet suesposti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' din l-eccezjoni tal-intimat, u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a kariku tar-rikorrent, hlief dawk relattivi ghall-

[9] Deciza 1 ta' Lulju 2005 - [F' dan il-kaz kien skada c-cens fil-mori tal-kawza, u ghalhekk l-atturi sfaw minghajr interess guridiku biex ikomplu l-kawza].
[10] [2000]Vol.LXXXIV.II.899

eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur u s-sentenza tat-3 ta’ Mejju 2000 li ghandhom jigu sopporatati mill-Kontrollur tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------